**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 1/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**
**vs**
**Eric Bonello**

**Illum 14 ta' Frar, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Eric Bonello, detentur ta' karta tal-identita' b'numru 319877M.

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer u jew f'93, August Love, Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa, nhar is-27 ta' Dicembru, 2016, ikkaguna offizi ta' natura gravi u permanenti fuq il-mara tieghu Charlene Bonello, ID 534784M skont kif iccertifikat Dr. Carina Debattista M.D. u dan bi ksur tal-Artikoli 218 u 222(1)(a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli f'xi zminijiet bejn Gunju, 2016 u Dicembru, 2016 f'dawn il-Gzejjer bl-imgieba tieghu kkaguna lil Charlene Bonello ID 534784M il-biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi

persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u 251B(1) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli f'xi zminijiet bejn Gunju 2016 u Dicembru 2016 f'dawn il-Gzejjer insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lill-Charlene Bonello ID 534784M bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Charlene Bonello kif ukoll ghall-familjari taghha.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 31 ta' Dicembru, 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', CD tal-istatment immarkatk bhala Dok JS, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok JS1, il-fedina penali aggornata tal-imputat immarkat bhala Dok JS2, dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali mmarkat bhala Dok JS3, okkorrenza mmarkata bhala Dok JS4, zewg certifikati medici mmarkata bhala Dok JS5 u JS6, estratt mill-att tac-certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok JS7, *mobile phone* immarkat bhala Dok JS8, zewg ritratti mmarkati bhala Dok CB1 u CB2, traskrizzjoni tal-istatement mill-espert legali Dr Abigail Bugeja mmarlata bhala Dok AB1, dikjarazzjoni ta' Charlene Bonello mmarkata bhala Dok SG1, relazzjoni tal-espert legali Dr Alexander Scerri Herrera mmarkata bhala Dok ASH1, seba' dokumenti mmarkati bhala Dok AB1 sa Dok AB7, relazzjoni tat-tabib Dr Mario Scerri mmarkata bhala Dok MS1, relazzjoni tal-espert tekniku Dr Martin Bajada mmarkat bhala Dok MB1, lista ta' telefonati u SMSs immarkati bhala Dok CB1 u CB2

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' lill-Ispettur John Spiteri, Doreen Agius, Charlene Bonello, Vincenza Caruana, WPC 179 Raisa Mariah Farrugia, Rose Mary Caruana, Dr Abigail Bugeja, l-Ispettur Elliott Magro, WPS 50 Oriana Spiteri, Samantha

Caruana, Orazio Griscti, Dr Ian Baldacchino, l-Ispettur Sylvana Gafa, Dr Alexander Scerri Herrera, PS 122 Arthur Borg, Dr Mario Scerri, Dr Martin Bajada, is-Supretendent Carmelo Bartolo, PC 133 Jean Claude Mangion u lil Dr Carina Debattista.

L-Ispettur John Spiteri jghid li f'Dicembru 2016, il-pulizija tal-ghassa tal-Hamrun kienu rcevew rapport ta' vjolenza domestika gewwa residenza fl-Imtarfa minn Charlene Bonello, li allegat li kienet giet imsawwta mir-ragel taghha Eric Bonello. Huwa kompla jghid li l-pulizija marru fuq il-post u wara kien inkiseb mandat ta' tfittxija u arrest, fejn Eric Bonello gie arrestat u interrogat minnu stess nhar id-29 ta' Dicembru, 2016. Ghall-interrogazzjoni Bonello kien irrinunzja d-dritt li jkollu l-avukat tieghu u tul l-istqarrija, li saret permezz ta' *video conferencing*, huwa kien ammetta li kien refa' jdejh fuq il-mara tieghu u li taha daqqa ta' ponn go wiccha wara li hu kien skopra li kienet infidili lejh u wara li ghamlet gurnata mal-familjari taghha jilghabu t-tombla u meta mar biex ikellimha ghax it-tifla kienet qed tibki ghaliha din ma hargitx minn dan il-post tat-tombla. L-Ispettur Spiteri pprezenta zewg (2) certifikati medici, fejn l-ewwel certifikat juri li Charlene Bonello kellha *slight safe complications*, izda wara li giet referuta ghall-Isptar Mater Dei gie ddikjarat li kellha griehi ta' natura gravi. Dan minhabba li mill-*X-Rays* irrizulta li kellha xi ksur fl-imnieher kif ukoll fil-wicc.

Doreen Agius stqarret li f'Dicembru tal-2016 kienet habibtitilha l-bieb mara, li kienet tider taht xokk u li kellha d-demm ma' wiccha u ma kinitx liebsa tajjeb, u qaltilha li toqghod fit-triq taghha, li kien sawwatha r-ragel, irnexxielha tahrablu u talbitha l-ghajnuna. Agius spjegat li dahhlitha gewwa u cemplu lil pulizija, fejn dawn gew ikellmuha ftit minuti wara. Hi ziedet tghid li kienet bla zarbun u li mal-hin bdiet tintefhilha saqajha.

Charlene Bonello qalet li nhar is-27 ta' Dicembru hija kienet marret tilghab it-tombla Rahal Gdid flimkien ma' ohtha u ommha, mil-hdax ta' filghodu sal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar, bi qbil mar-ragel taghha, Eric. Kif lestiet cemplitlu biex jghaddi ghaliha jekk ghadu l-Isla izda hu qallha li kien fadallu u qallha sabiex taqbad tal-linja. Hija qabdet tnejn tal-linja u waslet id-dar xis-sitta, izda zewgha u t-tifla kienu ghadhom ma waslux. Hija cemplitlu u hu ammetta li kien xorob. Ftit wara cemplitilha nannitha u qaltilha li kien hemm Eric li kien mar ghandha. Xit-tmienja neqsin kwart, wasal id-dar u qabel

dahal semghet lit-tifla tibki. Ftit qabel kienet indunat li nesa jihdilha l-gazaza u l-bicca. Bonello stqarret li kif wasal marret tbiddel lit-tifla, ghamlitilha l-halib u dahlet traqqadha. F'hin minnhom bdiet issaqsi lit-tifla x'ghamlet matul il-gurnata, dahal Eric u beda jirreferi ghaliha bhala '*mummy monster*'. Minn hemm beda jitwal l-argument, issemmew qraba mejtin u komplew jargumentaw. F'hin minnhom Eric hedded lil Charlene li se jitfaha mill-gallarija ghal isfel u hi sfidatu. Charlene kompliet tghid kif waqt li qed jargumentaw, Eric beda billi taha daqqa ta' harta fuq wiccha l-leminija u kompla jtiha fuq imnehirha, widnjeha u rasha. Hija spejgat li bid-daqqiet kisrilha n-nuccali u hargilha d-demm. F'hin minnhom irnexxielha tisgicca u nizlet tigri t-tarag u harget tigri 'l barra tghajjat ghall-ghajnuna, liebsa biss flokk tac-cingi, *panty* u kalzetti. HIja spejgat kif l-ewwel gara ma fethitilix, karozza li kienet ghaddejja ma waqfitilix umbaghad fethitilha gara ohra, dahhlitha, cemplu lil pulizija u marret il-*polyclinic* fejn baghtuha l-isptar u zammewha l-lejl habba xi testijiet ta' rasha, ksur fi mnieherha u ghamlulha saqajha fil-gibs. Charlene kompliet tispjega kif kien hemm zewg kazijiet ohra ta' vjolenza domestika bejn sena u sena u sentejn qabel. Fl-ewwel kaz kienet telqet ghand ommha u mar ghaliha, prova jihdilha t-tifla u anke ta daqqa lill-ommha u medda mal-art, li izda ghalih ma kienu ghamlu l-ebda rapport. Fit-tieni kaz kien imbuttaha t-tarag tad-dar, il-*polyclinic* iccertifikawha bi griehi li ma kienux serja u meta telghu il-Qorti fuqha hija kienet hafritlu. Hija kompliet tghid ukoll li hafna mil-glied ikun minhabba li Eric ghandu probema tax-xorb u li ghalkemm il-kazi ta' vjolenza fiziku kienu rari, pero' theddid u vjolenza verbali kienu jkunu frekwenti. Meta mistoqsija hija cahdet li ma riditx tohrog mil-post tat-tombla meta gie Eric, izda hija qalet li saret taf li gie wara li telaq, kienet bghatitlu messagg u ma rrispondijix. Hija nneggat ukoll li l-glieda bdiet wara li Eric ikkonfrontaha fuq messaggi li kienet qed tibghat lil *partner* taghha.

Vincenza Caruana, li hija n-nanna ta' Charlene, stqarret li dakinhar tal-incident, xis-sebgha u kwart, kien mar ghandha Eric u li kien gie ghal Charlene. Hija nnutat li kellu riha ta' xorb u li minn ghajnejh kien jidher li hu xurban, pero' l-komportament tieghu kien normali. Hija stqarret li riedet izzomm it-tifla ghandha izda t-tifla riedet tmur ghand ommha. Hija cemplet lil Charlene u qaltilha li kienet id-dar qed tistennih u li wara Eric telaq bit-tifla. Vincenza ziedet tghid li Eric kien qallha li laqat il-mera tal-karozza. Hija stqarret li kien normali li Eric imur ghandha, u anke kellu xi affarijiet ghandha

ghaliex ghamlu hdax-il sena joqghodu maghha, izda dakinhar hija ma kinitx qed tistennih.

WPC 179 Raisa Mariah Farrugia spjegat li nhar is-27 ta' Dicembru, 2016 irceviet telefonata minn Charlene Bonello li kienet giet imsawta minn Eric Bonello u li kienet qeghda fit-triq ghax harbet mid-dar. Hija spjegat li x'hin hija u pulizija iehor waslu fuq il-post sabu lil Charlene fil-bieb tal-gara taghha u kellha xi dmija ma' wiccha. Hija ziedet tghid li il-koppja bdew jillatikaw wara li Eric raha tibghat lil xi hadd min fuq il-*mobile* taghha, qalilha li hija "kurnuta bil-qrun" u hija rrispondiet lura li hu "kurnut ukoll bil-qrun" u l-argument kompla eskala sakemm beda jaghtiha d-daqqiet. WPC 179 kompliet tghid li wara marru jkellmu lil Eric fejn ammetta li kien intqal dak il-kliem u li kien refa' jdejh fuq Charlene. Hija ziedet tghid li meta marret tkellmu ma xammet l-ebda riha ta' xorb fuq Eric u li kien jidher f'sikktu.

Rose Mary Caruana stqarret li filghodu kienet mat-tifla, Charlene, it-tombla u cempel Eric lil Charlene ghax it-tifla ma riditx toqghodlu, Charlene baqghet bilqieghda u harget Rose Mary biex tara x'gara izda wara ftit telaq lura fil-karozza. Rose Mary kompliet tghid li filghaxija kienet ghand it-tifla l-ohra taghha u cemplitilha Charlene li Eric kien taha xebgha. Dak il-hin wassalha l-gharus tat-tifla l-Imtarfa fejn kienet qeghda ghand il-mara li dahhlitha fejn sabitha bid-demm niezel minn imniehirha u b'saqajha minfuha. Hija ziedet tghid li wara marret id-dar ta' Eric u Charlene biex tara t-tifla u ghanqitha maghha. Lejn l-ahhar hija talbet lil Eric jaghtiha n-nuccali ta' Charlene ghax ma tarax minghajru u hu kien wegibha "mhux inti gibtha hekk". Meta mistoqsija hija stqarret li ma tafx jekk Eric Bonello kienx cempel lil Orazio filghaxija u lanqas ma kienet taf li Charlene kienet qed taqlibha lil Eric.

L-Ispettur Elliott Magro stqarr li huwa kien tal-ghassa bejn is-27 u t-28 ta' Dicembru 2016 fejn gie nfurmat rigward argument bejn mara u ragel. Huwa gie nfurmat li l-vittma kienet iccertifikatha mill-klinika tal-Mosta li qed issofri minn griehi hfief izda ntbaghtet l-Isptar Mater Dei ghal aktar osservazzjoni fejn giet iccertifikata li qed issofri minn griehi ta' natura gravi. Huwa kompla jghid li ta struzzjonijiet lil WPS 50 sabiex thallilu kollox ghal filghodu sabiex jaghti *hand over* lil haddiheor minhabba li kien hiereg ghaxart'ijiem bil-*leave*.

WPS 50 Oriana Spiteri qalet li kienet giet infurmata b'rapport ta' vjolenza domestika gewwa l-Imtarfa u hija kienet marret fuq il-post fid-dar ta' Eric, fejn WPC 179 qaltilha x'kien gara peress li kienet hadet ir-rapport. Wara hija marret ma' Charlene il-klinika tal-Mosta fejn giet iccertifikatha li qed tbati minn griehi ta' natura hafifa b'kumplikazzjonijiet salvi, izda giet riferuta ghall-Isptar Mater Dei ghal aktar osservazzjonijiet. Hija ziedet tghid li l-isptar ma marritx maghha, izda l-pulizija li kien stazzjonat gewwa l-Emergenza kien infurmaha li Charlene giet iccertifikatha li qed tbati minn griehi ta' natura gravi. Meta mistoqsija WPS 50 stqarret li Charlene kienet tinsab mugugha u anke kellhom igibulha *wheelchair* u kellha saqajha minfuha min-naha tal-ghaksa.

Samantha Caruana, oht Charlene, qalet li dakinhar tal-incident kienet hdejn l-gharus taghha Orazio Grixti u rcieva telefonata minghand Eric fejn qallu sabiex jigi jigbor lit-tifla ghax kienu ha jidhuha l-pulizija.  Hija ziedet tghid li ftit wara ommha rceviet telefonata minghand Charlene x'gara u ma garax. Hija qalet li umbaghad marru fuq il-post fejn sabu lil ohtha ghand il-gara u li din kellha d-demm ma' mniehirha u saqajha minfuha. Hija ziedet tghid li hija qadet titkellem ma' Charlene umbaghad marret id-dar fejn Eric fejn it-tifla u hadet xi hwejjeg lil ohtha biex tmur il-klinik u marret maghha l-klinika tal-Mosta fejn wara baghtuha l-Isptar Mater Dei. Meta mistoqsija hija kkonfermat li s-sitwazzjoni fid-dar ta' Eric kienet kalma. Hija ziedet tghid li Charlene ammettiet maghha li kienet zbaljat ghax kellha relazzjoni ma' ragel iehor u li kien habba f'hekk li nqala l-argument.

Orazio Griscti, l-gharus ta' oht Charlene, stqarr u dakinhar tal-incident wara l-ghaxra ta' filghaxija kien cempillu Eric u qalli biex imur ghax kellhom argument hu u Charlene, sabiex jihodlu hsieb it-tifla. Hu, Samantha u omm Charlene nizlu l-Imtarfa fejn habbat il-bieb ta' Eric u fetahlu flimkien ma' zewg kuntistabbli ohra. Huwa qal li Eric kien stqarr li qabad lil Charlene taqlibilu, kellhom xi jghidu, lghabitlu xi daqqa u hu lghabilha ohra u telqet 'il barra. Min naha l-ohra Charlene kienet qaltlu li kien hebb ghaliha, harbet tigri 'l barra b'ta fuqha senduqha, qabzet l-ahhar erba' targiet u kisret sieqha. Huwa zid jghid li l-Pulzija nfurmawhom li jridu jmorru l-*policlinic* tal-Mosta u hu kien wassal lil Charlene, ommha u ohtha il-klinika u wara l-Isptar. Huwa zied jghid ukoll li xi tliet gimghat wara l-

incident Charlene kienet talbitu jihdilha zewg ritatti. Meta mistoqsi huwa ammetta li bejn il-koppja Eric u Charlene kien hemm certu anomisita'. Huwa qal li fil-karozza Charlene kienet ammettiet li kellha relazzjoni ma' xi hadd David. Huwa stqarr ukoll li hu u Eric kienu hbieb u kienu jcemplu lil xulxin.

Dr Ian Baldacchino ikkonferma c-certifikat li hareg hu stess fejn iccertifika lil Charlene bi griehi ta' natura hafifa, hlief ghal kumplikazzjonijiet. Huwa zied jghid li ma setax jeskludi li kellha xi griehi ohra allura kien baghtha ghal *X-Ray* fl-emergenza.

L-Ispettur Sylvana Gafa, bhala parti mill-*Victims Support Unit*, qalet li giet infurmata mill-avukata tal-vittma, Dr Lara Dimitriyevich, l-ghada li Charlene Bonello ghamlet ir-rapport, fejn staqsiet ghal aktar informazzjoni dwar il-klijenta taghha, kif baqghet u kif se jizvolgu l-affarijiet. L-Ispettur Gafa kienet iccekjat fuq il-kaz fejn irrizulta li l-kaz kien qed jigi nvestigat mill-Ispettur John Spiteri li gie assistit ukoll mis-Supretendent Bartolo. Hija ziedet tghid li dakinhar stess, u cioe' nhar id-29 ta' Dicembru, 2016 kienet baghtet ghal Charlene Bonello sabiex tipprovdilha iktar support. Hija kienet ikkuntatjat lill-Appogg fejn dawn infurmawha li Charlene kienet diga' qed tibbenefika mis-servizzi taghhom fuq rapporti precedenti ta' vjolenza u ghaldaqstant irreferewha l-Appogg ghal aktar ghajnuna u qalu lil Charlene sabiex jekk ikollha bzonn iktar informazzjoni jew xi haga ohra minn naha taghhom, din tibqa' f'kuntatt mal-*Victims Support Unit*. Hija ziedet tghid ukoll li kienet infurmat lil Dr Lara li l-kaz qed jigi investigat mill-*Vice Squad* u r-ragel ta' Charlene kellu jigi arrestat mill-Pulizija.

Dr Alexander Scerri Herrera pprezenta rapport tal-inventarju fid-dar tal-partijiet.

PS 122 Arthur Borg ipprezenta seba' (7) ritratti bil-kulur li ha hu stess gewwa l-ufficju tal-Ispettur John Spiteri, li juru injuries tal-vittma kif ukoll ta' mowbajl mixghul u l-*IMEI number* tieghu.

Dr Mario Scerri qal nhar it-30 ta' Ottubru 2017 kien ezamina lil Charlene Bonello sabiex jirraporta jekk din ghadiex issofri minn xi sfregji fil-wicc. Huwa kkonferma li kellha frattura tan-*nasal bone* li hija frattura *grevious per durata* u kellha frattura tal-*base* tal-*fifth metatarsal bone* tax-xellug ta' saqajha li kienet ghadha minfuha u tugaghha.

Rigward sfregju huwa qal li ghandha *septal deviation* fuq in-naha tal-lemin, pero' huwa insinjifikanti li trid tkun taf bih u thares fil-vicin. Huwa zied jghid li Charlene baqghet tilmenta minn *congestion* fin-naha tal-lemin ghaliex tinstaddilha n-*nostril* u jkollha *frontal headaches* ukoll.

Dr Martin Bajada pprezenta r-relazzjoni tieghu fejn saret estrazzjoni tal-kontenut kollu tac-cellulari li jinsab fuq *pendrive* annessa mar-relazzjoni.

Is-Supretendent Carmelo Bartolo jghid li kien ikkuntatjat mill-Ispettur Sylvana Gafa mill-iskwadra tal-*Victim Support* nhar id-29 ta' Dicembru 2016 sabiex jghaddilha dak li kien jaf. Huwa zied jghid li kien ivverifika immedjatament u preliminarjament x'kien gara u ghadda l-informazzjoni kollha lill-Ispettur Sylvana Gafa. Huwa stqarr li meta pprova jikkuntatja lil Charlene din ma rrisponditux, u ftit wara kien ircieva telefonata mill-istess numru pero' rrispondih vuci maskili, li rrizulta li kien Eric. Dan ried jaf min kien u x'ried u ghalkemm is-Supretendent beda jghidlu min kien u li ried ikellem lil Charlene, huwa beda jrrabja u jinswiwa hafna affarijiet, fosthom li kien xi *boyfriend* tal-mara tieghu. Is-Supretendent Carmelo Bartolo stqarr li dak il-hin huwa kellem lill-Assistent Kummissarju Dennis Theuma sabiex jidderiga spettur minn tieghu sabiex huma jkunu jistghu jissoktaw aktar stharrig flimkien. Huwa kompla jghid kif ftit wara gie kkuntatjat mill-Ghassa tar-Rabat fejn qalulu li Eric kien mar jitlob xi informazzjoni dwar in-numru tal-linja li cempel fuqha u meta kkonfermawlu li vera kienet linja tal-Pulizija huwa skuza ruhu immedjatament. Is-Supretendent irnexxielu jaghmel kuntatt ma' Charlene, talabha tmur id-*depot* tal-Pulizija u qaltlu l-istorja ta' x'gara. F'din il-konversazzjoni, Charlene kienet infurmat lis-Supretendent li hija kienet hadet xi ritratti minn fuq il-mobile taghha ta' meta kien jigi fis-sakra d-dar u kellha xi *recordings* ukoll. Minhabba f'hekk, is-Supretendent stqarr li zamm ic-cellulari, gie ffotograt u ghaddieh lill-Ispettur John Spiteri sabiex jigi esebit f'din il-kawza. Huwa zied jghid ukoll li ta struzzjonijiet sabiex jigu fotografati l-griehi vizibli ta' Charlene Bonello. Is-Supretendent spjega kif darba minnhom marret Charlene u qaltlu li ohtha u l-gharus t'ohtha kienu rrabjati li indikathom bhala xhieda u Orazio qallha li kien ha jixhed hazin. Kompla jghid li minhabba hekk talab biex jara x'telefonati u *SMSs* kienu saru dakinhar tal-incident sabiex jifhem ghala kien inqala l-incident bejn Charlene u Eric. Wara li akkwista din l-informazzjoni huwa kellem lil Charlene fejn baqghet tinsisti mal-verzjoni

taghha u meta saqsiha fuq numru partikolari stqarret li kien certu Garry, il-kap tax-xoghol ta' fejn kienet tahdem.

PC 133 Jean Claude Mangion qal li ghal xi l-ghaxra ta' filghaxija s-surgenta kienet ircevit rapport ta' vjolenza domestika gewwa residenza fl-Imtarfa, fejn flimkien marru fuq il-post u s-surgenta kelmet lil Eric u qaghad hemmhekk biex ma jinqalax kommossjoni. PC 133 zied jghid li wara marru l-poliklinika tal-Mosta fejn kellmu lil mara tieghu Charlene u wara marra jaghmlu rapport iehor u baqghu sejrin il-Mosta.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Dicembru, elfejn u tmintax (2018) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 31, 202 (h) (i) (iv) (v), 214, 215, 216 (1) (a) (ii) (iii) (b) (d) (2), 218 (1) (a) (b) (2), 222 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 31, 202 (h) (i) (iv) (v), 222 (1) (a) u 251B (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 7, 8, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19, 20, 22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- Fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta ta' l-14 ta' Frar 2019 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, izda ghal dak li jirigwarda l-offiza ta' natura gravi saret ammissjoni kif kontemplata ai termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux kif kontemplata ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ferita ta' natura gravi l-Qorti semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ma tistax issib htija tal-ferita gravi fil-konfront ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li din ma tirrizultax.

Ghar-rigward il-piena li ghandha tigi imposta l-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammissjoni ta' l-imputat, u l-fedina penali netta ta' l-imputat, ma tarax li f'dan il-kaz ikun idoneju li tinghata piena ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 222(1), 216, 251B, 339(1)(e) ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni ssibu hati tal-ferita gravi kif tinkwadra ai termini ta' l-Artikolu 216 u mhux ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**